

IL-PERSPETTIVA
IŻLAMIKA
FUQ IL-KRIŻI GLOBALI



Mogħtija minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V, Kap tal-Komunità Aħmadija Musulmana, imferrxa mad-dinja kollha, fil-Parlament Britanniku nhar it-22 t'Ottubru 2008.



Mitt Sena ta' Kalifat (Tmexxija Spiritwali) – 1908 – 2008



Ħażrat Mirża Gulam Aħmad
(Il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi)

Il-Komunità Aħmadija Musulmana twaqqfet fl-1889 fl-Indja minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (il-paċi t'Alla tkun miegħu) li sostna li huwa l-Messija u l-Maħdi Mwiegħed. Wara li ħalla din id-dinja fl-1908, l-istituzzjoni ta' Kalifat reġġħet ġiet stabbilita taħt gwida Divina.

Il-Kalifat hija sistema ta' tmexxija spiritwali fl-Iżlam hekk kif inhi mfissra fil-Koran Imqaddes. Hija mezz kif tgħaqqad lill-Musulmani fi grupp wieħed b'saħħtu taħt mexxej spiritwali wieħed.

Il-Kalif huwa maħtur għal għomru u llum il-Komunità Aħmadija Musulmana titmexxa mill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, li ġie elett f'din il-kariga rispettabbli f'April tal-2003. It-titlu uffiċjali tiegħu huwa Kalifatul Masiħ V.

Imħabba għal Kulħadd – Mibegħda għal Ħadd

Diskors fil-qalba tad-demokrazija u l-gvern Britanniku



Is-sena 2008 tikkommemora ċ-ċentinarju mit-twaqqif mill-ġdid tal-Kalifat. Fit-22 t'Ottubru, riċeviment storiku ttella' fil-House of Commons fejn membri parlamentari, ambaxxaturi, sindki, u dinjitarji importanti oħra kellhom l-opportunità jisimgħu diskors imwassal minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-ħames Kalif tal-Komunità.

Hawn se ssibu t-traduzzjoni bil-Malti tal-indirizz tiegħu flimkien ma' diskorsi oħra ta' mistiedna distinti li kienu preżenti għal dan l-avveniment speċjali.

Islamic Perspective On The Global Crisis

The Historic address by **Hazrat Mirza Masroor Ahmad**, Khaliftul Masih V, Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Jamaat, delivered at the House Of Commons, London on October 22, 2008

Translated into Maltese from English By:
Ahmadiyya Muslim Jamaat, Malta

(Maltesse Translation)

First published in Malta in 2012

© Islam International Publications Limited

Published by:
Islam International Publications Limited
"Islamabad"
Sheephatch Lane, Tilford, Surrey GU10 2AQ
United Kingdom

Printed in Malta
For further information please contact:

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
+356-79320139
www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadija.org.mt

ISBN: 978-1-84880-670-2

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masih V qal:

"Musulman veru qatt ma jista' jgħolli leħnu b'mibegħda lejn iċ-ċittadini sħabu, għalhekk lanqas lejn l-awtorità jew gvern ta' dak iż-żmien. Hi r-responsabbiltà ta' kull Musulman veru li jibqa' leali u jobdi kompletament il-liġijiet tal-pajjiż li hu sudditu tiegħu."

❖❖❖❖❖❖❖❖❖

Il-Perspettiva Iżlamika fuq il-Kriżi Globali

Mogħtija minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V, Kap tal-Komunità Aħmadija Musulmana, imferrxa maddinja kollha, fil-Parlament Britanniku nhar it-22 t'Ottubru 2008.





L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-venerabbli u lill-onorevoli Membri tal-Parlament, mistednin li ppermettew lil kap ta' organizzazzjoni reliġjuża biex jgħidilkom kelmtejn. Jien grat ħafna lejn il-Membru Parlamentari, Justine Greening, persuna rispettata ħafna mir-reġjun tagħna, li tant ħadmet biex torganizza dan l-avveniment f'ġieħ il-komunità żgħira tal-kostitwenza tagħha fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Kalifat.

Dak juri l-kobor tagħha, il-qalb miftuħa tagħha u t-tħassib tagħha għas-sentimenti ta' kull poplu u kull komunità fil-kostitwenza tagħha.

Għalkemm il-Komunità Aħmadija Musulmana hi komunità żgħira, hi l-komunità li tiġġieled għal kawżi ġusti u hi r-rappreżentanta ġenwina tat-tagħlim veru tal-Iżlam. Madankollu, ikolli ngħid li kull Aħmadi li jgħix fil-Gran Brittanja hu estremament ċittadin leali tal-pajjiż u jħobbu; u dan hu minħabba t-tagħlim tal-Profeta tagħna (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) li għallimna li l-imħabba lejn pajjiżu hi parti integrali tal-fidi tiegħu. It-tagħlim tal-Iżlam ġie aktar elaborat u enfasizzat mill-fundatur tal-Komunità Aħmadija li aħna nemmnu li hu l-Messija Mwiegħed u r-Riformatur ta' dan iż-Żmien.

Hu beda billi ħabbar l-affermazzjoni tiegħu li Alla li jista' kollox poġġa żewġ piżijiet fuqi. Wieħed hu d-dritt ta' Alla u l-ieħor

il-piż tal-ħolqien ta' Alla. Kompla jgħid li taqdi d-dmir u tagħti d-drittijiet tagħhom lill-ħolqien t'Alla kienet l-iktar sfida diffiċli u delikata.

B'riferenza għall-Kalifat, intom tistgħu tibżgħu li jista' jiġi żmien meta l-istorja tirrepeti ruħha u li jistgħu jinqalgħu gwerer b'riżultat ta' din il-forma ta' tmexxija. Ħalluni, madankollu, nassigurakom li għalkemm din l-akkuża titpoġġa kontra l-Iżlam, **Jekk Alla Jrid, l-Aħmadija Kalifat dejjem tkun magħrufa bħala dik li tkun fuq quddiem nett biex tmexxi l-kawża għall-paċi u għall-armonija fid-dinja, kif ukoll li tkun leali lejn il-pajjiż fejn il-membri tagħha jkunu joqogħdu. Il-Kalifat tal-Aħmadija qiegħed ukoll hawn biex jipperpetwa u jkompli l-missjoni tal-Messija u l-Maħdi, għalhekk assolutament m'hemm l-ebda raġuni ta' biża' mill-Kalifat. Dan il-Kalifat jiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-komunità lejn it-twettiq ta' dawn iż-żewġ obbligazzjonijiet li għalihom il-Messija Mwiegħed (il-paċi ta' Alla tkun miegħu) ġie u bħala riżultat jipprova joħloq paċi u armonija fid-dinja.**

Issa, minħabba li l-ħin hu limitat, niġi għas-suġġett. Jekk inħarsu lejn l-aħħar ftit sekli imparzjalment, ninnotaw li l-gwerer tul dak il-perjodu ma kinux verament gwerer reliġjużi. Kienu aktar ġeopolitiċi fin-natura tagħhom. Anke dawn il-kunflitti u ostilitajiet tal-lum bejn in-nazzjonijiet, aħna ninnotaw li jinqalgħu minn interessi politiċi, territorjali u ekonomiċi.

Hu l-biża' tiegħi li meta nħarsu lejn id-direzzjoni li fiha mexjin l-affarijiet illum, id-dinamika politika u ekonomika tal-pajjiżi tad-dinja tista' tressaqna lejn gwerra dinjija. Mhux biss il-pajjiżi foqra tad-dinja, iżda wkoll il-pajjiżi sinjuri li qed jiġu affettwati. Għalhekk, hu d-dmir tas-superpotenzi li joqogħdu bilqiegħda u jsibu soluzzjoni biex isalvaw l-umanità mix-xifer tad-diżastru.

Il-Gran Brittanja hi waħda minn dawk il-pajjiżi li jistgħu u fil-fatt iħallu impatt fid-dinja żviluppata kif ukoll fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Tistgħu tiggwidaw din id-dinja, jekk intom hekk tixtiequ, billi twettqu l-ħtiġijiet ta' ekwità u ġustizzja.

Jekk inħarsu lejn il-passat riċenti, il-Gran Brittanja kienet tiggverna fuq ħafna pajjiżi u ħalliet warajha livell għoli ta' ġustizzja u ħelsien reliġjuż, l-iktar fis-Subkontinent tal-Indja u l-Pakistan. Il-Komunità Aħmadija Musulmana kienet xhieda ta' dan u l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija faħħar bil-kbir il-Gvern Britanniku tal-politika ta' ġustizzja u li kkonċeda ħelsien reliġjuż. Meta l-Fundatur tal-Komunità Aħmadija feraħ lill-Maestà Tagħha, ir-Reġina Vittorja fil-Ġublew tad-Djamanti u wasslilha l-messaġġ tal-Iżlam, hu talab speċifikament li bil-mod kif il-Gvern Britanniku jaqdi d-dmir tal-ħtiġijiet ta' ġustizzja b'ekwità, jalla Alla s-Setgħan jippremjah b'ġenerożità. Għalhekk, l-istorja tagħna turi li aħna dejjem aċċettajna din il-ġustizzja kull meta kienet murija mill-Gran Brittanja u aħna nittamaw li, fil-futur ukoll, il-ġustizzja tibqa' karatteristika definita tal-Gvern Britanniku mhux biss fejn għandha x'taqsam ir-reliġjon iżda f'kull aspett ieħor u li intom qatt ma tinsew il-kwalitajiet tajba tagħkom tal-passat.

Illum, hawn taqlib kbir u nuqqas ta' paċi fid-dinja. Qegħdin naraw gwerer fuq skala żgħira jinbtu kullimkien, waqt li

f'xi postijiet is-superpotenzi qed jgħidu li qed jippruvaw iġibu l-paċi. Jekk dak kollu li hu meħtieġ mill-ġustizzja ma jintlaħaqx, in-nirien u l-fjammi ta' dawn il-gwerer lokali jistgħu jiskalaw u jinvolvu d-dinja kollha. Għalhekk, hi t-talba umli tiegħi lilkom biex issalvaw id-dinja mill-qerda!

Issa, jien fil-qosor sejjer insemmi dak it-tagħlim tal-Iżlam biex ikun hawn il-paċi fid-dinja, jew kif il-paċi tista' tiġi stabbilita fid-dinja fid-dawl ta' dan it-tagħlim. Hija t-talba tiegħi li biex noħolqu l-paċi fid-dinja dawk li qed jiġu indirizzati l-ewwel, jiġifieri l-Misilmin, ikunu jistgħu jattwawhom, iżda hu d-dmir tal-pajjiżi kollha tad-dinja – superpotenzi jew gvernijiet li jattwawhom.

F'dan iż-żmien meta d-dinja litteralment ċkienet biex saret raħal globali b'mod li qatt ħadd ma kien jimmaġina qabel, għandna nirrealizzaw ir-responsabbiltajiet tagħna bħala bnedmin u għandna nippruvaw nitfgħu l-attenzjoni tagħna biex insolvu dawk l-argumenti importanti għad-diskussjoni dwar id-Drittijiet Umani li jistgħu jgħinu biex jistabbilixxu l-paċi fid-dinja. B'mod ċar, dan it-tentattiv għandu jkun ibbażat fuq trattament ugwali għal kulħadd bla diskriminazzjoni u li jiġu attwati l-ħtiġijiet kollha tal-ġustizzja. Fost il-problemi tal-lum, tispikka problema waħda, jekk mhux direttament indirettament, minħabba r-reliġjon. Xi gruppi ta' Misilmin qed iwettqu attakki illegali u jużaw nies li jikkommettu attakki suwiċida f'isem ir-reliġjon biex jisplodu ħa joqtlu u jweġġgħu lil dawk li mhumiex Musulmani, inklużi suldati u nies ċivili innoċenti u fl-istess ħin qed joqtlu brutalment Musulmani innoċenti u tfal. Dawn l-atti krudili huma totalment inaċċettabbli għall-Iżlam.

Minħabba din l-imġiba tal-waħx minn xi Musulmani, żviluppat impressjoni totalment ħażina f'pajjiżi mhux Musulmani u bħala riżultat ċerti membri tas-soċjetà jitkellmu bil-miftuħ kontra l-Iżlam, waqt li oħrajn, għalkemm mhux bil-miftuħ, m'għandhomx opinjoni tajba tal-Iżlam ġewwa qalbhom. Dan il-fatt ħoloq nuqqas ta' fiduċja fil-qlub ta' dawk in-nies tal-pajjiżi tal-Punent u ta' dawk il-pajjiżi mhux Musulmani u, minħabba din l-attitudni ta' ftit Musulmani, minflok ma s-sitwazzjoni titjieb, ir-reazzjoni ta' dawk li mhumiex Musulmani kuljum sejra għall-agħar.

Eżempju tal-aqwa importanza ta' din ir-reazzjoni żbaljata hu l-attakk fuq il-karattru tal-Profeta Qaddis tal-Iżlam (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u fuq il-Koran Imqaddes, il-Ktieb Sagru tal-Misilmin. F'dan ir-rigward, l-attitudni tal-politikanti Britanniċi, hu liema hu l-partit tagħhom, u tal-intellettwali fil-Gran Brittanja, mhijiex l-istess bħal dik murija minn politikanti ta' xi pajjiżi oħra u jien nirringrazzjakom ta' dan. X'inhu l-benefiċċju li tweġġa' s-sensittività tal-Musulmani minbarra li żżid il-mibegħda u l-antipatija? Din il-mibegħda tixpruna ċerti Musulmani estremisti biex jikkommettu għemejjel mhux Iżlamiċi u, mill-banda l-oħra, tipprovdi aktar opportunità lil numru ta' dawk li mhumiex Musulmani biex juru l-oppożizzjoni tagħhom.

Madankollu, dawk li mhumiex estremisti u li jħobbu minn qalbhom il-Profeta Qaddis tal-Iżlam (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) huma mweġġgħin ħafna b'dawn l-attakki u hawn, il-Ġamaat Aħmadija (jew il-Komunità Aħmadija) qiegħda fuq qud-

diem. **L-iktar biċċa xogħol importanti tagħna hi li nuru lid-dinja l-karattru perfett tal-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) u t-tagħlim sabiħ tal-Iżlam. Aħna, li nirrispettaw u nqimu lill-profeti kollha (il-paċi ta' Alla tkun magħhom) u nemmnu li kollha huma l-messaġġiera mibgħuta minn Alla, ma nistgħu ngħidu xejn b'disprezz kontrihom; iżda nsewdu qalbna ħafna meta nisimgħu allegazzjonijiet bla bażi u mhux veri kontra l-Profeta tagħna.**

Illum, meta d-dinja qed tinqasam fi blokki, l-estremiżmu qed jiżdied, u s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika qed teħżien, hemm ħtieġa urġenti biex inwaqqfu kull xorta ta' mibegħda u nqiegħdu l-pedamenti tal-paċi. Dan jista' jsir biss billi nirrispettaw kull xorta ta' sentimenti ta' xulxin. Jekk dan mhux se jsir sewwa, bl-onestà u bi tjubija, se jinħolqu ċirkustanzi li ma nkunux nistgħu nikkontrollawhom. Napprezza meta pajjiżi tal-Punent, li huma ekonomikament sodi, jippermettu ġenerożament lin-nies ta' pajjiżi foqra u sottożviluppati biex jissetiljaw fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u fost dawn hemm Musulmani wkoll.

Ġustizzja vera teħtieġ li s-sentimenti u l-prattiċi reliġjużi ta' dawn in-nies għandhom jiġu onorati wkoll. Dan hu l-mod li bih is-serħan tal-moħħ tan-nies ikun jista' jiġi garantit. Għandna niftakru li meta s-serħan tal-moħħ tal-bniedem jkun iddisturbat, imbagħad anki s-serħan tal-moħħ tas-soċjetà tkun affettwata wkoll.

Kif għedt qabel, jien grat lejn il-leġiżlaturi u l-politikanti Britanniċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ġustizzja u li ma jindaħlux f'din il-ħaġa (tar-reliġjon). Dan, fil-fatt, hu t-tagħlim tal-Iżlam li hu mogħti lilna mill-Koran Imqaddes. Il-Koran Imqaddes jiddikjara li:

"M'għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon." (Kapitlu 2 : Vers 257)

Dan il-kmandament, mhux biss jikkumbatti l-akkuża li l-Iżlam infirex bix-xabla, iżda wkoll jgħid lill-Musulmani li l-aċċettazzjoni tal-fidi hi ħaġa ta' bejn il-bniedem u l-Alla tiegħu u m'għandek tindaħallu bl-ebda mod. Kulħadd għandu d-dritt li jgħix skont il-fidi tiegħu u li jesegwixxi r-ritwali reliġjużi tiegħu.

Madankollu, jekk hemm xi prattiċi magħmula f'isem ir-reliġjon li jweġġgħu lill-oħrajn u jmorru kontra l-liġi tal-pajjiż, allura dawk li jinfurzaw il-liġi tal-Istat jistgħu jieħdu azzjoni għaliex jekk hemm xi ritwal krudili li qiegħed jiġi pprattikat f'xi reliġjon, ma jistax ikun it-tagħlim ta' xi Profeta ta' Alla.

Dan hu prinċipju fundamentali biex nistabbilixxu l-paċi fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Barra minn dan, l-Iżlam jgħallimna li jekk bħala riżultat ta' bdil ta' twemmin, kull soċjetà jew grupp jew gvern jipprova jindaħal fl-osservanza tal-prattika tar-reliġjon, u minn hemm 'il quddiem iċ-ċirkustanzi jinbidlu favur tiegħek, imbagħad ftakar dejjem li int m'għandek iġġorr l-ebda mibegħda u lanqas xewqat ta' deni lejn ħadd. M'għandekx toqgħod taħseb kif se tivvendika ruħek iżda kif se tistabbilixxi ġustizzja u ekwità.

Il-Koran Imqaddes jgħid:

"O intom kollha li temmnu! Kunu sodi fil-kawża ta' Alla, kunu xhieda tal-ekwità (prinċipji ta' ġustizzja); u tħallux il-mibegħda ta' poplu xxewwixkom biex taġixxu b'mod ieħor ħlief b'ġustizzja. Kunu dejjem ġusti, hekk tkunu aktar qrib l-onestà. U ibżgħu minn Alla. Alla hu konxju ta' kulma tagħmlu."
(Kap 5 : Vers 9)

Dan hu t-tagħlim għall-paċi f'soċjetà. Qatt titilqu mill-ġustizzja, lanqas għall-għadu tiegħek.

L-istorja bikrija tal-Iżlam turina li dan it-tagħlim kienu jimxu fuqu u kull talba għall-ġustizzja kienet tiġi milqugħa. Ma nistax nagħti ħafna eżempji ta' dan, iżda l-istorja hi xhud tal-fatt li wara r-Rebħa ta' Makkah, il-Profeta Qaddis (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) ma vvendikax ruħu minn dawk li kienu tturmentawh iżda ħafrilhom u ħalliehom jipprattikaw it-twemminiet rispettivi tagħhom. **Illum, il-paċi tista' tiġi stabbilita biss jekk titwettaq sewwa l-ġustizzja mal-għedewwa kollha, mhux biss fil-gwerer kontra estremisti reliġjużi iżda wkoll fil-gwerer l-oħra kollha. U paċi bħal din biss tista' tibqa' għat-tul.**

Matul is-seklu l-ieħor, kien hemm żewġ gwerer dinjija. Kienu x'kienu l-kawżi, jekk inħarsu fil-fond, kawża waħda biss tispikka; u din hi li l-ġustizzja ma ġietx amministrata sew fil-bidu. Bħala reazzjoni, dak li kien jidher nar li ntefa kien biss ġamar li baqa' jaqbad bil-mod, biex eventwalment tħeġġeġ fi fjammi u ċċirkonda d-dinja kollha għat-tieni darba.
Illum, in-nuqqas ta' kwiet qed jiżdied, u gwerer u azzjonijiet biex iżommu l-paċi qed juru sinjali li resqin lejn gwerra dinjija oħra. Barra minn hekk, il-problemi ekonomiċi u soċjali tal-preżent se jkunu sors li aktar se jiggravaw is-sitwazzjoni.

Il-Koran Imqaddes tana ftit prinċipji prezzjużi biex nistabbilixxu l-paċi fid-dinja. Hu fatt stabbilit li r-regħba ġġiegħel il-mibegħda tikber. Kultant timmanifesta ruħha f'espansjoni territorjali jew fil-ħtif ta' riżorsi naturali jew ċertament fl-impożizzjoni tas-superjorità ta' xi wħud fuq oħrajn. Din twassal għall-krudeltà, kemm jekk tkun f'idejn tiranni bla ħniena li jisirqu d-drittijiet tan-nies u jagħtu prova tas-supremazija tagħhom fit-tfittxija tal-interessi personali tagħhom jew f'idejn forzi invażivi. Kultant, l-ilfiq u d-dwejjaq kbar tal-bnedmin ittrattati bi krudeltà jsejħu għall-għajnuna lid-dinja ta' barra.

Iżda, hu x'inhu, aħna tgħallimna dan il-prinċipju prezzjuż mingħand il-Profeta Qaddis tal-Iżlam, li hu: għen kemm lil dawk li qed ibatu kif ukoll lil dawk li qed joħolqu t-tbatija.

L-Imsieħba tal-Profeta staqsew li waqt li jifhmu li tista' tingħata għajnuna lil dawl li huma mweġġgħin, kif jistgħu jgħinu bniedem li jkollu qalbu ħadra? Il-Profeta (il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu) wieġeb billi qal, 'Billi żżommulu idu milli jikkommetti aktar krudeltà għaliex bil-kontinwazzjoni tiegħu fit-twettiq tal-krudeltà jkun qed jistħoqqlu aktar il-kastig t'Alla. Għalhekk, f'ġieħ il-ħniena, ippruvaw salvawh.' Dan il-prinċipju jgħodd għall-iżgħar ħjut tas-soċjetà sal-livell internazzjonali.

Dwar dan il-kunċett, il-Koran Imqaddes jgħid:



“U jekk żewġ gruppi ta’ fidili jiġġieldu kontra xulxin, ippruvaw ġibu l-paċi bejniethom; imbagħad, jekk wara dan kollu wieħed minnhom ikun ħati ta’ trasgressjoni kontra l-ieħor, iġġieldu kontra dak li hu trasgressur sakemm jerġa’ jkun taħt il-kmand t’Alla. Imbagħad, jekk dan isir, agħmlu l-paċi bejniethom bl-ekwità u aġixxu b’ġustizzja. Tassew, Alla jħobb lill-ġust.” (Kap 49 : V 10)

Għalkemm dan it-tagħlim jirrigwarda l-Misilmin, jekk imbagħad inżommu ma’ dan il-prinċipju, il-pedament tal-paċi fuq bażi dinjija jkun jista’ jitqiegħed.

Sabiex inżommu l-paċi, kien spjegat fil-bidu li l-aktar ħaġa importanti hi l-ġustizzja. U minkejja li nimxu mal-prinċipji tal-ġustizzja, jekk l-isforzi tagħna biex inġibu l-paċi ma jirnexxux, allura ningħaqdu u nikkumbattu flimkien kontra dak il-partit li jkun kiser il-liġi u nibqgħu nikkumbattu sa dak il-mument li fih il-partit li jkun kiser il-liġi jkun lest li jagħmel paċi. Malli l-partit li jkun kiser il-liġi jkun lest li jagħmel paċi, il-ħtieġa tal-ġustizzja hi: Tfittxux il-vendikazzjoni, u timponux restrizzjonijiet jew embargows. Bi dritt kollu, żommu għajnejkom miftuħa fuq it-trasgressur iżda fl-istess ħin ippruvaw li ttejbu s-sitwazzjoni tiegħu.

Sabiex intemmu l-inkwiet li hu prevalenti f’ċerti pajjiżi tad-dinja llum – u sfortunatament xi pajjiżi Iżlamiċi huma prominenti fosthom – jeħtieġ partikolarment li dawk il-pajjiżi li għandhom il-qawwa tal-Veto janalizzaw u jiddeterminaw jekk il-ġustizzja kinitx ingħatat sew. Kull meta tkun meħtieġa l-għajnuna, l-idejn dejjem jiġġebbdu lejn in-nazzjonijiet b’saħħithom. Kif diġà għedt qabel, aħna għandna x-xhieda li l-istorja tal-gvern Britanniku turi li dan dejjem żamm mal-ġustizzja u dan inkoraġġieni biex niġbed l-attenzjoni tagħkom dwar xi wħud minn dawn is-sitwazzjonijiet.

Prinċipju ieħor li dwaru aħna tgħallimna biex nerġgħu nġibu lura l-paċi fid-dinja hu biex ma nixxennqux għall-ġid tal-oħrajn. Il-Koran Imqaddes jgħid:

“U tisfurzawx għajnejkom wara dak li Aħna nkunu kkonċedejna lil xi klassijiet minnhom biex igawdu għal ftit ħin – is-sbuħija ta’ din id-dinja ta’ issa – biex inġarrbuhom bih.” (Kap 20 : V 132)

Ir-regħba u l-għira għall-ġid tal-oħrajn huma l-kawża ta’ aktar inkwiet fid-dinja. Fuq bażi personali, il-fatt li kulħadd jipprova jagħmel bħal ħaddieħor, kif jgħidu, irriżulta f’regħba ma taqta’ xejn u fit-tkissir tal-paċi soċjali. Il-kompetizzjoni ta’ regħba

fuq bażi nazzjonali bdiet u ħaditna lejn il-qerda tal-paċi fid-dinja. Dan hu ppruvat bl-istorja u kull bniedem sensibbli jista' jifhem li x-xenqa għall-ġid tal-oħrajn tkattar l-għira u r-regħba u hija s-sors ta' telfien.

Hu għalhekk li Alla Omnipotenti jgħid li wieħed għandu jżomm għajnejh fuq ir-riżorsi tiegħu u jieħu benefiċċju minnhom. L-isforz biex ikollok akkwist territorjali hu għat-tfittix ta' benefiċċji tar-riżorsi naturali ta' dak it-territorju. L-għaqda ta' grupp ta' nazzjonijiet li għandhom xi ħaġa komuni bejniethom u l-formazzjoni ta' blokki ta' setgħa qegħdin jieħdu r-riżorsi naturali ta' xi pajjiżi. F'dan ir-rigward, numru ta' kittieba li qabel kienu jaħdmu bħala konsulenti ma' xi gvernijiet kitbu kotba fejn taw dettalji kif xi pajjiżi ppruvaw jieħdu kontroll tar-riżorsi ta' nazzjonijiet oħra. Kemm dawn il-kittieba ta' min jemminhom huma biss jafu, u Alla żgur li jaf l-iktar, iżda x-xenarju li joħroġ mill-qari ta' dawn id-dikjarazzjonijiet jikkawża diqa ta' qalb f'dawk li huma leali lejn il-pajjiżi foqra tagħhom u huwa l-kawża l-iktar valida għaż-żieda fit-terroriżmu u t-tellieqa għall-armi tal-qerda tal-massa.

Illum, id-dinja tqis lilha nnifisha bħala iktar sana, konxja u edukata milli kienet fil-passat. Anke fil-pajjiżi foqra hemm nies intelliġenti li eċċellaw fl-edukazzjoni fil-kamp rispettiv tagħhom. Imħuħ intellettwali ta' livell għoli jaħdmu flimkien f'ċentri kbar ta' riċerka fid-dinja. F'dawn iċ-ċirkustanzi wieħed kellu jimmaġina li n-nies kellhom jingħaqdu flimkien u jippruvaw itemmu l-modi ħżiena tal-ħsieb u l-bluhat tal-passat li rriżultaw f'animożitajiet u li wasslu għal gwerer terribbli. L-intellett mogħti minn Alla u l-progress xjentifiku messhom intużaw biex itejbu l-umanità u biex joħolqu metodi permissibbli biex wieħed jakkwista benefiċċji mir-riżorsi ta' ħaddieħor.
Alla ta lil kull pajjiż riżorsi naturali li messhom ġew utilizzati kompletament biex ibiddlu d-dinja f'post ta' paċi. Alla rregala klima u ambjent eċċellenti lil ħafna pajjiżi biex ikabbru diversi wċuħ tar-raba'. Kieku kien hemm ippjanar sew biex jużaw it-teknoloġija moderna għall-agrikoltura, kieku l-ekonomija kienet tissaħħaħ u l-ġuħ kien jinqered mid-dinja.

Dawk il-pajjiżi li huma mogħnija b'riżorsi minerali għandhom jitħallew jiżviluppaw u jinnegozjaw prezzijiet ġusti fil-miftuħ, u pajjiż għandu jibbenefika mir-riżorsi ta' pajjiż ieħor. Għalhekk, dan għandu jkun il-mod ġust, il-mod li hu ppreferut minn Alla li jista' kollox.

Alla li jista' kollox jibgħat il-messaġġiera Tiegħu lin-nies biex huma jkunu jistgħu juruhom il-mod kif iressqu lin-nies aktar qrib lejn Alla. Fl-istess ħin Alla jgħid li hemm ħelsien totali f'dak li jirrigwarda l-fidi. Skont it-twemmin tagħna, il-premju u l-kastig jeżistu wkoll wara l-mewt. Iżda, taħt is-sistema mwaqqfa minn Alla, meta xi ħadd jikkommetti krudeltà kontra l-ħolqien Tiegħu u l-ġustizzja u l-ugwaljanza jiġu injorati, imbagħad bil-liġijiet tan-natura, l-effetti li jiġu wara jkunu jidhru f'din id-dinja wkoll. Reazzjonijiet ħorox kontra inġustizzja bħal din ikunu jidhru u ma jkunx hemm garanzija dwar jekk ir-reazzjoni tkunx tajba jew ħażina.

Il-mod xieraq kif tirbaħ id-dinja hu li kull sforz għandu jsir biex nagħtu 'l-pajjiżi l-foqra l-istatus li jixirqilhom.

Argument ta' importanza kbira llum hu l-kriżi ekonomika ta' dak li qed insejħulu t-tqarmiċ tal-krettu (*credit crunch*). Minkejja li r-raġuni tidher stramba kollox jipponta lejn fatt wieħed. Il-Koran Imqaddes iggwidana billi jgħid:

"Aħarbu l-interessi għaliex l-interessi huma saħta tant li huma perikolu għall-paċi domestika, nazzjonali u internazzjonali". Ġejna mwissija li dak li jaċċetta l-interessi jum wieħed ikun dak li Satana jkun ikkastigah bil-ġenn. Għalhekk aħna l-Musulmani ġejna mwissija biex naħarbu sitwazzjoni bħal din, nieqfu ninnegozjaw fl-interessi għaliex il-flus li jiġu mill-interessi ma jkabbrux il-ġid tiegħek, għalkemm fid-dieher jidhru li qed jiżdiedu. Hu inevitabbli li jiġi żmien meta l-effetti veri joħorġu. Barra minn hekk, aħna ġejna mwissija li ma nistgħux nidħlu f'negozju ta' interessi, bi twissija li jekk aħna nagħmlu hekk, inkunu qed immorru kontra r-rieda ta' Alla.

Dan il-fattur hu ovvju mit-tqarmiċ tal-krettu tal-lum. Fil-bidu kien hemm individwi li ssellfu l-flus biex jixtru l-propjetà; iżda qabel waslu biex jaraw lilhom infushom sidien tal-propjetà mietu mgħobbija bid-dejn. Iżda issa hawn gvernijiet mgħobbija bid-dejn u milqutin ħażin daqslikieku bil-ġenn. Kumpaniji kbar fallew. Xi banek u istituzzjonijiet finanzjarji għalqu jew ħarġu bi pleġġ u din is-sitwazzjoni qed tinfirex f'kull pajjiż, kemm jekk inhu sinjur sew jekk fqir. Intom tafu aktar minni dwar din il-kriżi. Il-flus tad-depożitanti sparixxew. Issa jiddependi mill-gvernijiet fuq kif u sa fejn jipproteġuhom. Iżda, sadanittant, is-serħan tal-moħħ tal-familji, in-negozjanti u l-mexxejja tal-gvernijiet f'ħafna pajjiżi tad-dinja kważi spiċċa għalkollox.
Din is-sitwazzjoni ma ġġagħalniex naħsbu li d-dinja riesqa lejn il-konklużjoni loġika li t-twissija tagħha kienet ingħatat żmien twil qabel? Alla jaf aktar il-konsegwenzi futuri ta' din is-sitwazzjoni x'se jkunu.

Alla Omnipotenti jgħid: Ersqu lejn il-paċi li tista' tkun biss garantita meta jkun hemm kummerċ ġenwin u ta' ġid u meta r-riżorsi jitqiegħdu għall-użu b'mod propju u ġust.

Issa nispiċċa dawn il-punti qosra tat-tagħlim tagħna billi nfakkar li l-paċi vera tad-dinja tinstab biss billi nduru lejn Alla. Jalla Alla jagħmel possibbli li d-dinja tifhem dan il-punt u mbagħad il-bnedmin ikunu jistgħu jaqdu d-dmir lejn id-drittijiet tal-oħrajn.

Fl-aħħar nett, jiena grat lejkom kollha li ġejtu hawn u smajtuni.

Grazzi ħafna.




HZAN -E- TASAWEER © 2008


100 Years of Khilafat
Love for All
Hatred for None
MAKHZAN -E- TASAWEER © 2008


100 Years of Khilafat
Love for All
Hatred for None






MTA INTERNATIONAL
MAKHZAN -E- TASAWEER © 2008

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad

Bniedem ta' Paċi



Fit-22 t'April 2003, fil-Moskea ta' Fażal f'Londra, Mirża Masroor Aħmad inħatar bħala l-ħames Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana mxerrda mad-dinja kollha. Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu m'Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Dak li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti.

"L-Iżlam jgħallem li inti ma tistax tjassar in-nies bl-imgħax il-għaliex meta inti tkun krudili ma' nies fil-bżonn, ir-regħba tiegħek għall-imgħax iġġagħlek taħseb aktar b'mod vili u kattiv. Inti ma tkunx qed tgħodd il-kapital veru u bażiku li għandek iżda tagħti preferenza akbar lill-imgħax u b'konsegwenza ta' dan tkun qed tgħaffeġ aktar lil nies li huma diġà mgħaffġin." (Diskors mogħti fl-Università ta' Roehampton, 16 t'April 2007)

"M'hemm l-ebda reliġjon fid-dinja – tista' tkun l-Iżlam, il-Kristjaneżmu, l-Ħinduiżmu, jew kwalunkwe twemmin ieħor – li titkellem favur il-qerda tal-paċi. Kull persuna tħobb il-paċi u tobgħod id-diżordni. Kull qalb għandha tendenza li twettaq atti ta' ġenerożità u kull persuna tajba tixtieq li l-paċi tirrenja fid-dinja." (Minn diskors mogħti f'Nirrispettaw is-Sentimenti Reliġjużi, konferenza dwar il-paċi minn twemmin differenti organizzata fil-Moskea Baitul Futuħ f'Marzu 2008)



Diskorsi minn Dinjitarji varji fil-Parlament Britanniku fit-22 ta' Ottubru 2008 fil-preżenza tal-Qdusija Tiegħu, il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad

Justine Greening, Membru Parlamentari ta' Putney u l-organizzatriċi ta' dan l-avveniment
Waranofsinhar it-tajjeb lil kulħadd. Irrid nagħti l-merħba tiegħi lil kulħadd hawnhekk ġewwa l-Parlament. Hi tassew ġurnata speċjali llum li għandna magħna lill-Qdusija Tiegħu hawnhekk kif ukoll il-Komunità Aħmadija lokali, mhux biss mill-kostitwenza tiegħi ta' Putney, iżda kif naf minn Londra kollha u attwalment mir-Renju Unit kollu. Hi ġurnata ħafna speċjali u privileġġ għalina li nilqgħukom hawn fil-Parlament. Ovvjament, din tagħmel parti miċ-ċelebrazzjonijiet importanti ħafna li qed isiru madwar id-dinja, infatti, iżda partikolarment hawnhekk fil-Gran Brittanja fejn qed jiġi ċċelebrat il-mitt sena mit-twaqqif tal-Kalifat Aħmadija. Jiena tassew kburija għaliex hawn fir-Renju Unit nista' ngħid li l-ewwel moskea twaqqfet ġewwa Southfields li tagħmel parti mill-komunità ta' Putney. U minn dak iż-żmien kellha rwol vitali u pożittiv fil-komunità ta' Southfields. U l-motto ta' *Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal* Ħadd naħseb li hu wieħed li attwalment il-komunità kollha għandha timxi fuqu, u li għalhekk hu tant ta' privileġġ għalina li nistgħu nagħmlu l-parti tagħna u għalija bħala l-Membru Parlamentari tal-lokal li nista' nagħmel il-parti tiegħi u nilqagħkom għandna hawnhekk fil-Parlament biex niċċelebraw din il-ġrajja.

Irrid ngħid grazzi lilkom kollha li ġejtu hawn illum, u partikolarment lill-Membri Parlamentari kollha. L-Erbgħat huma jiem mimlijin attività fil-Parlament u jien naf li b'turija ta' rispett kbir li għandna lejn il-Komunità Aħmadija u l-kontribuzzjoni li tagħti lil pajjiżna li għadd kbir ta' Membri Parlamentari, u *Peers* infatti, ġew hawn illum biex juru r-rispett tagħhom. Aħna fil-fatt għandna ġurnata impenjattiva ħafna quddiemna. Wara r-riċeviment se jkun hemm numru ta' laqgħat u jien se jkolli ċ-ċans li ndawwar lill-Qdusija Tiegħu madwar il-Parlament sabiex forsi jkun jista' jara fejn ħafna minna jqattgħu l-ħin. Iżda sadanittant jien sejra nħalli f'idejn il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, Gillian Merron, li ġentilment ġiet biex tkun tista' tkellimna llum.

Aħna grati ħafna għax-xogħol li qed jagħmel l-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin f'isem il-Komunità biex inaqqas il-persekuzzjoni li qed issir madwar id-dinja kontra l-Komunità Aħmadija. Ir-rwol tal-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin meta jappoġġja d-drittijiet umani u l-libertajiet hu assolutament vitali u aħna kuntenti tassew li l-Ministru tal-Affarijiet Barranin, Gillian Merron, setgħet tingħaqad magħna, għalhekk issa nħalli f'idejk biex titkellem, Gillian. Grazzi.

Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin u l-Commonwealth.
Hu unur kbir għalija li niltaqa' mal-Qdusija Tiegħek waqt li qed niċċelebraw iċ-Ċentinarju tal-Kalifat ma' membri oħra Parlamentari u membri tal-Komunità Aħmadija llum, li huma rappreżentati tassew kemm madwar id-dinja imma fiċ-ċert madwar ir-Renju Unit kollu. U jien naf li ħafna membri tal-Komunità huma nies importanti u membri stmati fil-kostitwenzi tal-kollegi parlamentari hawn illum.

Nixtieq ningħaqad mal-fehma li Justine għandha dwar ir-raġuni għal xiex hawn daqstant Membri Parlamentari preżenti. Ir-raġuni hi li l-Komunità (Aħmadija) hi importanti ħafna għalina.

Nixtieq nibda billi ngħid kemm hu importanti x-xogħol tal-Komunità Aħmadija. Dan japprofondixxi l-fehim ta' oħrajn u kif wieħed iħares lejn il-fidi u jagħti vuċi lil dawk li huma mwarrba fil-ġenb fis-soċjetajiet tagħhom stess.

Dan il-kuntest iħassibni serjament u naf li ħafna minnkom illum ukoll imħassba dwar rapporti dwar diffikultajiet li l-Komunità qed taffaċċja madwar id-dinja inkluż il-Pakistan u l-Indoneżja. U jien irrid nagħti l-assigurazzjoni tiegħi llum li dan il-gvern qed iqajjem dawn l-argumenti importanti mal-awtoritajiet f'dawn il-pajjiżi u ma noqogħdux inlaqalqu meta nippressaw għal drittijiet umani aħjar għall-gruppi f'minorità, huma fejn huma.

L-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth, id-Dipartiment tal-Iżvilupp Internazzjonali, u l-Ministeru tal-Difiża, aħna lkoll naħdmu flimkien bl-iskop li ntejbu l-qagħda tal-popli, huma fejn huma fid-dinja. Li nippromwovu t-tolleranza, l-inklużjoni u r-rispett lejn id-drittijiet umani huwa parti fundamentali ta' dak li nagħmlu, u aħna impenjati li nkomplu dak

ix-xogħol. Il-ġimgħa li għaddiet ikkonkludejt id-dibattitu fil-House of Commons dwar id-Drittijiet Umani u d-demokrazija madwar id-dinja. U jien għedt li għandna missjoni, missjoni biex nippromwovu d-drittijiet umani, mhux biss għaliex hu fl-interess tagħna li nagħmlu hekk, iżda għaliex hi ħaġa għaqlija li tagħmel hekk u wkoll għaliex hi l-ħaġa ġusta li tagħmel hekk. Jien ukoll irrid nuri rikonoxximent għax-xogħol ta' gruppi u individwi li jżommu sod favur id-Drittijiet Umani f'kundizzjonijiet diffiċli u ħafna drabi perikolużi, li bħalhom ħafna minna lanqas biss ma joħolmu li jeżistu. U jien nagħti importanza kbira lix-xogħol li l-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth qiegħed jagħmel ma' gruppi bħal dawn, inkluż il-Komunità Aħmadija u l-membri individwali tagħha.

Il-Qdusija Tiegħek, ħbieb u kollegi, illum qed naraw perspettiva unika miġjuba fix-xogħol tagħna fuq id-drittijiet umani partikolarment fejn tidħol il-libertà tar-reliġjon. Jien nemmen li, bis-saħħa tal-kontribuzzjoni tagħkom, il-politika tagħna dwar id-Drittijiet Umani hi aktar b'saħħitha u aħjar u jien nittama ħafna li nkomplu b'din il-kooperazzjoni mill-qrib fil-futur. Hi xi ħaġa li jien qed inħares 'il quddiem għaliha.

L-Onorevoli Hazel Blears, Membru Parlamentari għal Salford u s-Segretarju tal-Istat għal Komunitajiet u Gvern Lokali.

Grazzi ħafna. Jien nista' ġenwinament ngħid li ħadt gost li kelli l-opportunità li nisma' dak l-indirizz u jien naħseb li ħafna minna f'din is-sala kienu jibqgħu jisimgħu għal ħafna aktar ħin, għaliex jien naħseb li l-affarijiet li kellek xi tgħid kienu relevanti, kontemporanji, tassew iqanqlu lil dak li jkun, u wkoll, naħseb ta' sfida, u jagħmlu l-aqwa kwalità ta' indirizzi, xi ħaġa li l-politikanti mhux dejjem jagħmlu. Iżda kien pjaċir assolut li qgħadt nisimgħek.

Jisimni Hazel Blears u jien is-Segretarju tal-Istat għal Komunitajiet u Gvern Lokali, u jien qiegħda hawn illum, naħseb għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħi bħala Ministru li nressaq il-komunitajiet fil-pajjiż kollu, bi twemmin u b'ambjenti differenti, biex jaqsmu flimkien dawk il-ħwejjeġ li jgħaqqduna u biex niċċelebraw dan il-fatt. Iżda naħseb li aktar importanti minn hekk illum hu li nġibilkom l-isbaħ xewqat tal-Prim Ministru (l-Onorevoli Gordon Brown). Kien jieħu gost li kieku kien hawn iżda hu speċifikament talabni biex niġi u nilqagħkom fil-House of Commons u wkoll biex nagħti merħba lil ħafna u ħafna Membri Parlamentari li nista' nara fl-udjenza. Hu ta' pjaċir għal kollha kemm aħna li għandna l-opportunità li nkunu flimkien. Jien għandi messaġġ qasir, qed nissoponi llum, u dan hu li tassew ngħid li l-bażi tal-valuri tagħkom naħseb li hu importantissmu għalina lkoll. U dan hu *Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd*. Jien naħseb li dak hu mod sempliċi kif tiġbed l-attenzjoni ta' xi ħaġa li hi inkredibbilment speċjali u tassew ħafna importanti, fix-xogħol kollu li nagħmel ma' komunitajiet ta' twemmin differenti, il-bnedmin kollha li jagħmlu r-Renju Unit (pajjiż) tal-għaġeb u divers.

Jien naħseb li hemm ċertu affarijiet li jgħaqqduna bħala valuri ta' dan il-pajjiż u dawn iduru madwar il-paċi, madwar il-mogħdrija, madwar l-ugwaljanza u madwar ir-rispett reċiproku. U dawn huma kliem ħfief biex tgħidhom imma attwalment ideali diffiċli mhux ħażin biex tgħixhom. U jien naħseb li kull wieħed u waħda minna fil-ħajja tagħna jagħmel minn kollox biex jilqa' din l-isfida. Aħna mhux dejjem jirnexxilna niksbu suċċess u xi kultant niżolqu u jien naħseb li l-kliem li inti għedt dwar li tgħin lil dawk li jiksru l-liġi biex kultant terġa' ġġibhom lura fit-triq tas-sewwa huwa tassew kliem li jgħollilek ħafna l-moral u huwa mimli ottimiżmu. Għaliex verament nemmen li l-bnedmin jistgħu jinbidlu. Il-bnedmin huma kapaċi li jaċċettaw dawn il-messaġġi komplessi, il-bnedmin huma kapaċi li jħaddnu valuri ġodda.

Jien naħseb li l-impenn sod u profond fil-Komunità Aħmadija huwa xi ħaġa li għandha tkun ispirazzjoni għal kull wieħed u waħda minna. Jien naf li kultant ix-xogħol li nagħmel hu diffiċli, hu ta' sfida, u jien naħseb li l-Membri Parlamentari kollha u l-mexxejja ċiviċi jgħidu l-istess ħaġa. Meta jkollna dawn il-kwalitajiet ta' ispirazzjoni u tmexxija spiritwali minn nies li l-profondità tat-twemmin tagħhom hi litteralment ta' ispirazzjoni għalina lkoll, naħseb li mbagħad ikollna l-enerġija li nkomplu nagħmlu dawk l-affarijiet li huma importanti għalina, u b'uħud mill-valuri li tfissru f'termini tanġibbli nippruvaw nassiguraw li fil-kundizzjonijiet ekonomiċi li għaddejjin minnhom aħna ngħinu kemm nistgħu lil dawk li qed jitħabtu biex iħallsu d-djar tagħhom, u jħarsu l-impjieg tagħhom, in-negozji tagħhom, u l-kapaċità li jagħmlu differenzi pożittivi fil-komunitajiet tagħna.

Iżda huma dawn il-valuri li jmexxuna 'l quddiem fid-direzzjoni t-tajba, u jekk aħna nitilfu l-valuri tagħna allura nkunu fil-periklu li nidħlu f'sitwazzjonijiet tassew diffiċli.

U jien ridt ukoll nirringrazzja lil Justine talli organizzat dan l-avveniment tal-lum. U jien kuntenta li hawn nies minn kull partit politiku u jien naħseb li l-valuri huma mirfudin fl-ideoloġiji politiċi u aħna kollha nemmnu u nħaddnu ħafna minn dawn il-valuri. U jien ukoll ridt ngħid li naf li ħafna minnkom tiftakru lil Tony Coleman, li qabel kien Membru Parlamentari Lokali u li hu stmat ħafna mill-ħafna membri tal-komunità wkoll.

Għalhekk, jiena kuntenta li intom qegħdin hawn, ferħana li għandkom l-opportunità li tiċċelebraw, kuntenta ħafna li qegħdin mal-kollega tiegħi Gillian Merron li hi Ministru ġdid tal-Affarijiet Barranin, imma jiena żgur li hi tkun strument utli għal ħafna komunitajiet f'dan il-pajjiż kif ukoll biex toħloq relazzjonijiet kbar madwar id-dinja kollha.

Intom milqugħin b'merħba hawnhekk, fil-qalba tad-demokrazija, u jien ridt inwassal ir-rikonoxximent personali għall-ħwejjeġ kollha li intom tagħmlu fil-komunità tagħkom u l-valur li ġġibu. Fuq kollox naħseb kienet l-idea li jien ikolli l-pjaċir li nismagħkom, li nieħu ftit ħin minn post mimli attività, f'post fejn kultant xi ħwejjeġ jitħawdu, fejn in-nies xi kultant jargumentaw mhux biss għax jieħdu pjaċir jargumentaw, mhux hekk Justine? Aħna jkollna dibattiti tajbin, qawwija u kkontestati b'ħeġġa kbira, iżda li nkunu nistgħu nieħdu ftit ħin 'il hemm minn xi kunflitt biex ikollna mument ta' paċi u konsiderazzjoni u jkollna ċ-ċans biex naħsbu ftit aktar fil-fond fuq dak li jqanqal lil kull wieħed u waħda minna hu prezzjuż immens.

Is-Sur Alan Keen, Membru Parlamentari għal Feltham u Heston.
Grazzi talli tajtuni l-privileġġ li nkun parti minn dan l-avveniment tagħkom illum waranofsinhar u nittama li intom ilkoll ħadtu pjaċir b'din l-opportunità li tkunu hawn fil-Parlament.

Dalgħodu ħadt qatgħa kbira, ħsibt li għamilt xi ħaġa ħażina, għaliex irċevejt imejl mill-Prim Ministru, li bdiet 'Għażiż Alan', ħsibt li riedni nkun iċ-*Chancellor of the Exchequer* (il-Ministru tat-Teżor) biex jikkastigani għal xi ħaġa li ovvjament għamilt, iżda mhux dak kien, kienet l-aqwa ħaġa li setgħet tkun. Kiteb:
"Għażiż Alan, ridt nibgħatlek nota biex infissirlek kemm qed jiddispjaċini li ma nistax inkun magħkom għal dan l-avveniment illum meta intom se tkunu miġbura mal-ħbieb mill-Komunità Aħmadija Musulmana. Jien naf li int u Hazel, u Hazel kienet hawn, se twasslu l-aqwa xewqat tiegħi u dawk tal-moviment Laburista kollu għal din l-okkażjoni ta' risq tajjeb taċ-Ċentinarju tal-Kalifat.

Jekk jogħġbok wassal il-merħba tiegħi mill-qalb lill-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, u flimkien miegħu lil dawk kollha li jqimu lil Alla f'aktar minn mija u sitta u sebgħin pajjiż. Il-komunità Aħmadija Musulmana Britannika se tkompli taħdem għall-paċi u t-tolleranza u biex issaħħaħ id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet differenti kemm hawn kif ukoll barra minn pajjiżna. Jien naf li kemm int kif ukoll Hazel se tkomplu żżommuni infurmat bil-ħafna suċċessi tal-Aħmadija Musulmana fil-Gran Brittanja. Jekk jogħġbok wassal l-apprezzament u r-ringrazzjamenti tiegħi lil dawk kollha miġburin magħkom illum u permezz tagħhom lil ħafna membri tal-Aħmadija Musulmana li qed jagħtu kontribut tant siewi lill-pajjiż.

L-isbaħ xewqat. Gordon.''
Jekk tippermettuli ngħid biss żewġ kelmiet, naħseb li din il-miġemgħa tal-lum tpoġġi d-differenzi politiċi tagħna li huma pjuttost żgħar fil-perspettiva. Jiena naf għaliex hawn ħafna politikanti preżenti. Huma qegħdin hawn għaliex jifhmu l-impenn għall-paċi fid-dinja kollha tal-Komunità Aħmadija. Huma qegħdin kollha hawn għaliex iltaqgħu ma' nies fil-komunitajiet tagħhom stess li jagħmlu parti mill-komunitajiet Aħmadija u hu għalhekk li aħna lkoll qed nagħmlu wegħda solenni li nagħtu l-appoġġ tagħna u nirringrazzjawkom għal dak li tagħmlu. U biex nuri kemm id-differenzi politiċi huma żgħar, jien diġà wrejt lill-Qdusija Tiegħu li hi (Justine Greening MP) hija waħda mill-favoriti tiegħi, għalkemm hi membru ta' partit differenti.

Nista' nżid ukoll li meta l-Maestà Tagħha r-Reġina talbitni biex ningħaqad mas-servizzi armati, jien ippruvajt nipperswadiha li kien ikun aħjar għas-servizzi armati jekk jien ma ningħaqadx magħhom, iżda fl-aħħar ġagħluni nidħol. U jien kont ibbażat fiċ-ċentru ta' Londra iżda kont noqgħod ġewwa Orpington, u lura fil-bidu tas-snin sittin jien ivvutajt lid-Demokratiku Liberali Lord Avebury u għentu jitla' fil-Parlament u baqa' jagħti kontribut kbir għal ħafna snin.
Għalhekk grazzi lill-Qdusija Tiegħek u grazzi Justine talli għentu biex organizzajtu dan l-avveniment u nħossni umli ħdejkom ilkoll.

L-Onorevoli s-Sur Dominic Grieve, Membru Parlamentari għal Beconsfield, u l-kelliem għall-oppożizzjoni għall-Affarijiet Interni.

Grazzi ħafna Justine, u hu pjaċir kbir li għal darba permezz ta' din l-okkażjoni qegħdin nilqgħu għandna lill-Komunità Aħmadija minflok, kif ħafna drabi jiġri, inkunu aħna l-mistednin tal-Komunità Aħmadija fil-ħafna funzjonijiet tagħkom. Intom tassew grupp ta' nies dejjem eċċezzjonali. Meta nattendu għall-konvenzjoni annwali tagħkom ġewwa Hampshire fil-limiti ta' bejn Hampshire u Sussex nkunu xhieda għal xi ħaġa li probabbilment hija unika fil-ħajja tal-Britanniċi, għax tara madwar ħamsa u sebgħin jew tmenin fil-mija tal-popolazzjoni kollha li huma Aħmadi Musulmani prattikanti f'dan il-pajjiż kollha miġburin f'post wieħed. Issa din kieku tkun il-ħolma ta' politikant kieku nkunu nistgħu norganizzaw laqgħa bħal din għalina, iżda jien dejjem kont impressjonat b'laqgħa bħal din bħala waħda mill-attributi eċċezzjonali tagħkom.

Il-kontribuzzjoni tagħkom għall-ħajja nazzjonali tagħna kienet ukoll straordinarja. Kulma neħtieġ hu li nħares madwari f'din is-sala u nara xi wċuħ tassew familjari u li tkun taf li fil-ħajja pubblika, fil-politika, fis-servizz ċivili, fil-forzi armati, fil-professjonijiet u fin-negozju l-Aħmadin huma rappreżentati sew, u dak kollu dażgur jiġi għaliex hemm politika ta' proċess ta' impenn u li b'hekk aħna nistgħu niddiskutu ħwejjeġ ta' importanza u nimmoderaw l-ideat ta' xulxin billi naqsmu l-ideat, u kif il-Qdusija Tiegħek stess għedt fid-diskors tiegħek illum li dik hija l-aktar ħaġa importanti fl-Iżlam, u li intom tipprattikaw u li tassew hi kompatibbli mad-djalogu ta' bejn ir-reliġjonijiet li jien naf li kienet produttiva immens għalina lkoll.

Għalhekk jien nixtieq li ngħid grazzi ħafna għall-istedina, għall-pjaċir li nkun nista' nkun wieħed minn dawk li kollettivament qed nilqgħu lilkom hawn fil-House of Commons, u għall-fatt li dan hu l-mitt anniversarju mit-twaqqif tal-moviment li kellu u għandu konsegwenzi profondi, naħseb, fil-bini ta' armonija bejn ir-reliġjonijiet u hu mudell fih innifsu għall-mod kif in-nies għandhom il-ħila jintegraw fil-ħajja nazzjonali tagħna.

Tassew li waħda mir-raġunijiet, naħseb, li għażiltu li jkollkom il-kwartieri nazzjonali tagħkom hawn ġewwa l-Gran Brittanja hi għaliex il-Gran Brittanja kellha u għandha f'dak il-kuntest ħafna x'toffri, li hi xi ħaġa li aħna nħossuna kburin ħafna li għandna l-Komunità Aħmadija bbażata hawnhekk meta tqis il-konnessjonijiet tagħha madwar id-dinja kollha. U meta nħarsu 'l quddiem jidhirli li dak li intom irnexxielkom tilħqu huma strutturi li aħna lkoll nistgħu nibnu fuqhom. Iżda aħna lkoll nistgħu nimxu 'l quddiem billi nimpenjaw lil xulxin għaliex aħna għandna ħafna x'nitgħallmu minn xulxin.

U f'dinja li ħafna drabi, kif tgħid int, hija diffiċli, fejn ta' spiss tidher l-inġustizzja, u li fiha, tassew, id-dgħufijiet umani tagħna ħafna drabi jidhru ċari ħafna, l-opportunità li jkollok ħbieb ma' min tiddiskuti dawn il-ħwejjeġ u li tipprova tagħmel li tista' għall-ġid ta' wliedna u wlied uliedna hi ħaġa li tagħmilna lkoll ottimisti.

L-Onorevoli s-Sur Simon Hughes, Membru Parlamentari għal North Southwark u Bermondsey, President tal-Partit Demokratiku Liberali u x-Shadow Leader tal-House of Commons.

Il-Qdusija Tiegħek, Segretarju tal-Istat u ħbieb, naħseb li qegħdin hawn biex nuru l-kobor tal-merħba li hi mogħtija lilkom ilkoll, u dan hu ġust, għaliex il-Qdusija Tiegħek kont minn dejjem qalbek tajba meta tilqa' tant minna fil-kwartieri tiegħek u kif Dominic Grieve qal mument ilu għaċ-ċelebrazzjoni tagħkom fis-sajf. L-eluf miġbura kienu kollha hemm biex jitgħallmu u jaqsmu kollox flimkien imma wkoll biex jagħtu merħba. U jien nixtieq biss li nirrifletti malajr malajr dwar tliet affarijiet li impressjonawni dwar dik iċ-ċelebrazzjoni.

L-ewwel hi li intom ġejtu, u intom milqugħin immens hawnhekk. Iva, il-Gran Brittanja laqgħet b'ferħ il-kwartieri tal-Aħmadin f'dan il-pajjiż iżda l-komunità ma saritx xi ħaġa qisha kienet xi setta magħluqa ġewwa l-Gran Brittanja.

Saret komunità li tfittex li tilħaq lilna lkoll minn partit għall-ieħor, fil-partiti, barra l-partiti, u fil-komunità fejn intom ibbażati fil-Lbiċ ta' Londra u postijiet oħra. U dan hu importanti ħafna għaliex biex twaqqa' l-barrieri ta' nuqqas ta' ftehim u ta' preġudizzju hemm bżonn li jinbnew ir-relazzjonijiet, u jien nirringrazzjakom ta' dan u tal-kollegi kollha tagħkom.

It-tieni nett, bħala Membru Parlamentari ta' Londra, jiena kburi bħal Alan u oħrajn. Jiena kburi ferm li għandkom il-bażi tagħkom magħna. Aħna l-iktar belt każmopolitana fl-Ewropa, probabbilment l-iktar waħda fid-dinja. Hu importanti ħafna għalina li r-reliġjonijiet il-kbar kollha tad-dinja jkunu rappreżentati hawn għaliex hu importanti ħafna li nitgħallmu ngħixu flimkien kif irridu l-kumplament tad-dinja li jgħixu speċjalment f'postijiet li huma ħafna inqas tolleranti minn hawnhekk. Aħna rridu nservu ta' eżempju. Aħna rridu nuru dik li hi l-aħjar prattika li nitgħallmu minn xulxin. Hawn ħafna nies prat-

tikanti hawnhekk u ħafna nies ta' reliġjonijiet u ta' twemmin differenti, u l-aqwa komunitajiet fid-dinja huma dawk fejn hemm assolutament rispett totali għal reliġjonijiet u twemmin differenti, u appoġġ għad-drittijiet tal-bnedmin li jirriżulta minn hekk, biex jitħalltu liberament, biex jagħtu qima mingħajr tfixkil, biex jippritkaw, biex jgħallmu u biex jaħdmu n-nies u għalhekk aħna privileġġjati ħafna fuq hekk ukoll.

Iżda t-tielet ħaġa, nittama li qegħdin hawn waqt li qed niċċelebraw iċ-ċentinarju biex niftakru li x-xogħol li nitħabtu għat-tolleranza reliġjuża u l-libertà reliġjuża għadu mhux mitmum. Kull darba li kont mal-kollegi tagħkom, dejjem fakkruna kif kemm fil-Pakistan imma wkoll f'postijiet oħra fid-dinja n-nies mhumiex dejjem ħielsa biex jipprattikaw il-fidi tal-għażla tagħhom u għalhekk aħna rridu naċċertaw ruħna li nibqgħu naħdmu internazzjonalment. Gillian u ministri oħrajn fl-Uffiċċju tal-Affarijiet Barrani naħdmu biex regolarment niċċalinġjaw postijiet fejn in-nies m'għandhomx l-istess libertà li ngawdu hawn. Naħseb li l-fatt li kollettivament hawn firxa wiesgħa ta' kollegi miż-żewġ naħat tal-Kamra jindika li hemm impenn li nkomplu niddiskutu dwar dawn l-affarijiet u biex naħdmu għal dik id-dinja, fejn f'kull pajjiż fid-dinja n-nies ikunu ħielsa biex jipprattikaw il-fidi tal-għażla tagħhom, u jimxu mat-twemmin li huma jaħsbu li hu tajjeb għalihom. Dak ix-xogħol għadu mhux komplut, iżda nagħtu l-kelma tagħna fiċ-ċentinarju tagħkom li nkomplu nagħmluh b'akbar b'enerġija, ħalli jkun hemm ħafna u ħafna aktar postijiet fid-dinja fejn l-Aħmadin ikunu jistgħu jgħixu fil-paċi u l-libertà, u jkunu jistgħu jitqiesu bħala ċittadini ugwali.

Lord Eric Avebury, *Spokesperson* fil-*Lords* dwar l-Afrika u l-Libertajiet Ċivili, ilu għal żmien twil difensur tal-kawża tal-ħelsien tal-fidi u tal-kuxjenza f'isem il-Komunità Aħmadija.
Il-Qdusija Tiegħek! Ħuti. Assalam-o-Alaikum.
Hu privileġġ immens tiegħi li jitolbuni nipproponi vot ta' ringrazzjament lill-Qdusija Tiegħu għall-indirizz meraviljuż li hu tana aktar kmieni u li diġà ntlaqa' tajjeb mill-oħrajn, imma ħalluni ngħid kemm kien impressjonanti li nenfasizzaw id-dimensjoni morali ta' dak li aħna lkoll qegħdin nagħmlu.

Dak li tkellmet fuqu Gillian Merron bħala l-objettivi tal-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin li nippromwovu l-inklużjoni, nir-rispettaw id-Drittijiet Umani u dan jinkludi partikolarment il-libertà tar-reliġjon, li hi miċħuda lill-Aħmadin f'tant postijiet fid-dinja. Il-Qdusija Tiegħek tkellem dwar kif ma nħallux li jinbtu konflitti, dwar soluzzjonijiet tal-konflitti li huwa wkoll xogħol importanti ħafna għall-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin. Aħna qegħdin naħdmu f'ħafna partijiet tad-dinja biex nip-promwovu l-prevenzjoni tal-konflitti u nippruvaw insolvu l-argumenti li jinqalgħu bejn il-bnedmin, xi wħud minnhom għax għandhom id-Drittijiet Umani miċħuda. U aħna lkoll nafu liema huma dawk li jikkonċernaw lill-Aħmadin, dawk partikolarment diġà msemmija fil-Pakistan bħal-liġijiet tal-biża' dwar id-dagħa li kien introduċa Żia ul Ħaq u li għadhom jiġu segwiti minkejja l-fatt li huma rritornaw għad-demokrazija.

Fil-Bangladesh kien hemm problemi, wieqfa f'dan il-perjodu, iżda bla garanzija ċerta li ma jerġgħux jidhru. Meta jkol-lok organizzazzjoni hemmhekk u f'partijiet oħra tad-dinja msejħa Khatam-e-Nabuwwat* li trid iċċaħħad lill-Aħmadin il-libertà biex jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom, kif jaraw huma l-Iżlam, hekk kif imfissra lilna mill-Qdusija Tiegħek illum.

Ħafna mill-valuri li aħna nħaddnu, huwa diffiċli għalina għala ħaddieħor joġġezzjona għall-promozzjoni ta' dawn il-valuri, bħala parti minn soċjetà multikulturali u multireliġjuża, u mbagħad naraw f'ħafna partijiet tad-dinja fejn din il-Khatam-e-Nabuwwat tiffjorixxi li n-nies ta' din l-organizzazzjoni jridu jċaħħdu lill-Aħmadin il-libertà li aħna ngawdu hawnhekk, u li aħna nippruvaw nippromwovu permezz tal-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin lill-bqija tad-dinja.

Għalhekk, aħna tassew grati kif diġà ntqal, għall-preżenza tal-Komunità Aħmadija f'dan il-pajjiż, li din dejjem tfakkarna fl-obbligazzjonijiet li aħna għandna lejn popli oħra fid-dinja biex nippromwovu l-ħelsien tagħhom u biex nilqgħu għall-konflitti li jinqalgħu ta' spiss. Għalhekk, grazzi ħafna l-Qdusija Tiegħek, għall-kliem tiegħek mimli għerf, u jien nittama li aħna neħduhom inkonsiderazzjoni u napplikawhom għal ħajjitna stess.

Grazzi ħafna.

* (L-organizzazzjoni Khatam-e-Nabuwwat temmen li l-Profeta Qaddis Muħammad, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu, hu l-aħħar Profeta u ma jistax jiġi ebda Profeta ieħor warajh.)

Il-Komunità Aħmadija Musulmana Malta

This is a Maltese translation of a keynote address by Hazrat Mirza Masroor Ahmad, Khaliftul Masih V, Head of the worldwide Ahmadiyya Muslim Jamaat, on the topic of "Islamic Perspective on the Global Crisis", delivered at the House of Commons in London on 22 October 2008.

Language: Maltese - First Edition: 2012
Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Għal iktar informazzjoni:

www.ahmadiyyamalta.org
www.ahmadija.org.mt

Mob: +356-79320139
Tele: +356-21322105
Fax: +356-27322105

Email: amjmalta@gmail.com

Imħabba għal Kulħadd Mibegħda għal Ħadd